IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 40-2017(10_11_17)**

**10 ta' Novembru 2017**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fil-5 ta' filgħaxija. Din il-laqgħa hija kontinwazzjoni tal-laqgħa numru 37 li saret fis-26 ta' Ottubru 2017.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Robert Mallia - Viċi Sindku
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier
Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier

## ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku
Is-Sinjorina Sonja Abela - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**40.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

40.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien irċieva SMS mingħand is-Sinjorina Sonja Abela fejn qalet li ma tafx jekk hijiex ser tlaħħaq tiġi mill-Ministeru għal Għawdex għax qed iddum ħafna. Hija ġiet skużata.

Is-Sindku għadha indisposta u għalhekk il-laqgħa tmexxiet mill-Viċi Sindku, is-Sur Robert Mallia.

**40.2 Sejħa għall-offerti – proġetti fil-Munxar**

40.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Bord tal-Aġġudikazzjoni kien iltaqa' fit-8 ta' Novembru 2017 u l-membri kienu dawn:
Robert Mallia – *Chairperson*
Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv
Daniel Galea – Membru
Mark Busuttil – Membru
William Sultana – Membru

Huwa ppreżenta r-rapport tal-aġġudikazzjoni taż-żewġ sejħiet MXR/001/2017 – *Tender for the services of an architect (Local Council Projets)* u MXR/002/2017 – *Road maintenance & major patching works*. F'dan il-ħin twaqqaf il-*live streaming* sabiex jinqraw ir-rapporti tal-aġġudikazzjoni. Wara li nqraw dawn ir-rapporti l-*live streaming* reġa' nxtegħel. Il-membri approvaw iż-żewġ rapporti tal-bord fejn offerta MXR/001/2017 tingħata lill-Perit Robert Grech peress li kien l-orħos u offerta MXR/002/2017 ma tingħatax minħabba li l-uniku *tender* li ntefgħet ma mtlitx kollha.

**40.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv**

40.3.1 L-aħħar laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi saret fil-25 ta' Ottubru 2017 u saret b'żewġ membri wara li l-laqgħa ssejħet għat-tielet darba. L-ilmenti li ġew diskussi f'din il-laqgħa, ġew diskussi fil-laqgħa tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2017.

**40.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

40.4.1 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 40/2017(10_11_17).

**40.5 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

40.5.1 Il-Viċi Sindku talab lill-Kunsill sabiex bil-permess tal-membri jkun jista' jgħaddi l-materja ta' natura urġenti u kien hemm qbil.

Is-Segretarju Eżekuttiv talab sabiex l-ewwel jiddiskutu dwar il-vaganzja ta' skrivan/a skala 15. Huwa wera l-preokkupazzjoni tiegħu rigward l-amministrazzjoni tal-Kunsill peress li s-sitwazzjoni ma tantx hija sabiħa. Is-Sindku qiegħda fuq *sick* fit-tul u l-Assistent Uffiċjal Prinċipali ser tqatta' xi jiem bis-*sick leave* peress li qed tieħu xi kura. Diġà qed isir arranġament biex meta terġa' tirritorna għax-xogħol hija tagħmel *light duties* biss. L-Uffiċjal Eżekuttiv irreżenja f'Settembru li għadda u fejn suppost li s-Segretarju Eżekuttiv ikollu żewġ impjegati, bħalissa ma hawn ħadd. Minħabba f'din is-sitwazzjoni, qiegħda tkun diffiċli ħafna għas-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiftaħ l-uffiċċju u jieħu ħsieb l-amministrazzjoni huwa biss meta l-obbligazzjonijiet tal-liġi sabiex tamministra Kunsill u Kumitat Amministrattiv huma ħafna. Għal dawn ir-raġunijiet il-Kunsill iddeċieda li l-intervisti għall-vaganzja ta' skrivan/a jsiru fl-ewwel ġurnata tax-xogħol jiġifieri t-Tnejn, 13 ta' Novembru 2017. Is-Sur Damien Spiteri informa lill-Kunsill li f'dik il-ġurnata ma jistax jattendi. Huwa talab li l-intervisti jsiru f'ġurnata oħra ta' dik il-ġimgħa meta jkun jista' jattendi. Huwa qabel li l-intervisti jsiru xorta waħda. Is-Sur Paul Curmi ma kienx jiftakar x'appuntamenti għandu għall-ġurnata tat-Tnejn u għada s-Sibt kien ser imur l-uffiċċju sabiex jiċċekkja d-*diary* u jinforma lis-Segretarju Eżekuttiv. Il-bord ser ikun kompost mis-Sur Robert Mallia bħala *Chairperson* u s-Sur Paul Curmi u s-Sur Anthony Grech membri. Ser tintbagħat *e-mail* lill-membri kollha tal-Kunsill sabiex jekk hemm xi membri oħra li jixtiequ jkunu membri, il-membri tal-bord jiżdiedu.
Huma tliet persuni li applikaw għal din il-vaganzja. Wara l-laqgħa l-membri kienu ser jingħataw aktar dettalji dwar l-applikanti.

40.5.2 Il-Viċi Sindku informa lill-Kunsill li din is-sena l-Eċċellenza Tagħha l-President ta' Malta ser iżżur il-lokalità tal-Munxar nhar il-Ħadd, 10 ta' Diċembru 2017 bejn il-4:50 ta' filgħaxija u l-5:20 ta' filgħaxija. F'din iż-żjara hija ser tiġi ppreżentata b'għotja ta' flus għall-Istrina 2017. Ġie deċiż li din is-sena l-President tiġi milqugħa fil-Knisja tal-Munxar. Għandu jitqassam *envelope* lil kull dar fil-Munxar u r-residenti ser jintalbu biex jitfgħu l-*envelope* bid-donazzjoni fil-kaxxa fil-Knisja u l-Kunsill. Waqt din iż-żjara ser isiru xi *drinks* u *finger food*. Il-Viċi Sindku kien ser ikellem lill-kappillan dwar din il-proposta.

40.5.3 Il-Ministeru għal Għawdex nieda skema fejn il-Kunsilli t'Għawdex japplikaw sabiex jirrestawraw xi post fil-lokalità. Il-Ministeru ser iħallas 90% u l-Kunsill 10% u l-Ministeru ser iħallas sa €10,000. Din l-applikazzjoni trid issir sa mhux aktar tard mill-1 ta' Diċembru 2017. Ġie deċiż li l-Kunsill iqabbad lis-Sur Roberto Curmi jieħu ħsieb din l-applikazzjoni. Il-Kunsill iddeċieda li jirrestawra x-*shelters* tal-Pjazza tal-Knisja sabiex ikunu jistgħu jinfetħu għall-pubbliku.

40.5.4 Il-Viċi Sindku informa lill-Kunsill li jekk ser jiżżejnu t-toroq għall-ġranet tal-Milied, trid tittieħed deċiżjoni f'din il-laqgħa għaliex iż-żmien dieħel ġmielu.
Ġie deċiż li jsir kollox bħas-sena l-oħra jiġifieri tiżjin Ix-Xlendi għall-prezz ta' €950, tiżjin Il-Munxar għall-prezz ta' €1,100 u tiżjin Triq San Pawl għall-prezz ta' €400. Dan ix-xogħol ser isir mill-għaqdiet tal-lokalità.
Din is-sena ma hijiex ser tintrema l-*Christmas Tree* ta' ma ġenb Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina peress li din is-siġra mietet u ser tinqala'. Din is-sena l-Kunsill ser jirranġa xi armaturi li hemm bil-ħsara u jekk ma jitranġawx, ser jinxtraw armaturi ġodda.

Ġie deċiż li bħala rispett lejn is-Sindku, din is-sena ma hijiex ser issir is-serata ta' Jum Il-Munxar, iżda ssir il-quddiesa konċelebrata biss. Fit-8 ta' Diċembru 2017 ser issir il-ħarġa tal-Kunċizzjoni. Il-Viċi Sindku ser jaħdem fuq din il-ħarġa. Attivitajiet oħra għal żmien il-Milied ser jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss.

40.5.5 Il-laqgħa ntemmet fis-6.47 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 27 ta' Diċembru 2017 u fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 27 ta' Diċembru, 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Robert Mallia<br>Viċi Sindku | Anthony Grech<br>Segretarju Eżekuttiv |